MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2009

Avviz Numru. 718/2002

**Francis Abela**

**Vs**

**Charles Azzopardi u b'digriet tat-12 ta' Marzu 2003 is-socjeta Atlas Insurance Ltd u dawn bhala agenti ta' AXA Insurance plc, kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assikurat taghhom Charles Azzopardi u li interveniet 'in statu et terminis' f'din il-kawza.**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess attur dik is-somma li tigi hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-attur kagun ta' incident li okkorra fit-13 ta' Settembru 2001, meta il-konvenut waqt li kien qed isur l-vettura numru tar-

registrazzjoni IBD 202, gewwa Triq il-Haddiem, Marsa, bi traskuragni, negligenza, imperizja, nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku u nuqqas ta' diligenza kif titlob il-ligi, habat gewwa u laqat l-vettura tal-attur bin-numru tar-registrazzjoni EAV 598 u b'konsegwenza ta' dan il-konvenut ikkaguna hsara fil-vettura tal-attur kif ukoll danni permanenti fuq l-persuna tal-attur, ghall-liema incident il-konvenut unikament u legalment responsabbli.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Settembru 2002, bl-imghaxijiet legali skond l-ligi u l-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni. Ghall-finijiet ta' kompetenza gie dikjarat li l-ammont pretiz ma jeccedix l-Lm5000.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 8 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi t-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess attur, stante illi ma kienx il-konvenut li jahti ghall-incident in kwistjoni, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
2. Illi jsegwi ghalhekk li ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-attur, u dan b'referenza kemm ghal danni sofferti fil-vettura proprjeta tal-attur, kif ukoll ghal danni personali sofferti mill-istess atti.
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.

Rat id-digriet hawn fuq imsemmi moghti fit-12 ta' Marzu 2003 (fol 17 u fol 18 tal-atti).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess intervenuti fil-kawza (fol 22 ibid) u li biha eccepew bir-rispett:

1. Illi s-sewwieq tal-vettura IBD 202, assigurata comprehensive mal-eccipjenti nomine ma kienet bl-ebda mod responsabbli ghall-incident stradali msemmi fl-avviz fl-ismijiet premessi stante li ghal din il-habta 'de quo' kien Francis Abela li kien qed isuq il-vettura EAV 598 b'imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

2. Isegwi li m’hemmx danni x’jigu likwidati kontra l-eccipjenti nomine jew l-assigurat taghhom.
3. Isegwi li la l-eccipjenti u lanqas l-assigurat taghhom ma jistghu qatt jigu kundannati jhallsu ebda danni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi PS 710 Joseph Mangion (fol 34 u fol 74 et seq ibid) spjega li kien mar fuq il-post tal-incident f’Labour Road, Rahal il-Gdid vicin fejn hemm ix-‘Ship Building’. Hawnhekk hu sab, biss, ‘van’ numru EAV 598 b’bieba dik fuq in-naha tas-sewwieq li kienet miftuha u mkissra u appartenenti lil Francis Abela. Sussegwentement, minn wara kantuniera kienet harget mara, li baqghet mhix identifikata u qalet lix-xhud li kienet f’karozza misjuqa minn Charles Azzopardi. Dan tal-ahhar kien laqat ‘van’ ossija dak li kien sab fil-post, u wara kien nizzilha mill-karozza u saq l-hemm. L-istess xhud irrediga rapport, esebit a fol 38 ibid kif ukoll ghamel skizz, li ukoll hu esebit a fol 42 ibid. Fuq dan tal-ahhar, hemm muri l-istess ‘van’ kif sabu fuq il-post waqt li indika ukoll il-karozza msemmija, b’mod immaginarju, a bazi tal-informazzjoni li kienet taghtu l-istess mara ghadha injota sallum. Ix-xhud b’referenza ghall-istess skizz, indika fejn hemm ‘bus stop’ kif ukoll l-‘spot of impact’ dan tal-ahhar, a bazi ta’ ‘debris’ ta’ hgieg li kien hemm fuq it-triq. In rigward il-bieba li kienet miftuha u mkissra, din kienet imdahhla fil-‘mudguard’ ta’ quddiem, fatt li skond ix-xhud, juri li l-karozza l-ohra involuta kienet qed tinsaq minn wara l-‘van’ hekk milqut. Meta, wara xi zmien kien tkellem mas-sewwieqa involuti, hu kien nizzel l-stqarrijiet rispettivi kif hemm indikat fl-imsemmi rapport a fol 39 u fol 40 ibid. Skond ix-xhud, l-attur kien qallu li kien qed jsuq fid-direzzjoni ta’ Rahal il-Gdid u l-karozza numru IBD 202 harget minn triq laterali u saq fl-istess direzzjoni. Kif l-istess attur dar ghal go Labour Road, hu ssorpassa lill-vettura l-ohra msemmija u waqaf man-naha ta’ din it-triq. Kif hareg mil-karozza tieghu, hu kien ra lill-ohra tinsaq fid-direzzjoni tieghu u tolqtu minghajr ma din waqfet. In

rigward il-konvenut dan sahaq li l-attur kien saq ma gembu u wara li daqq il-horn ghal diversi drabi u kien qallu "… something … which he did not understood …". F 'daqqa wahda, l-istess attur kien waqaf ftit metri l-boghod u hareg mill-vettura misjuqa minnu. Kif ra hekk, dejjem skond l-istess konvenut, hu "accidentally" laqat lill-konvenut u l-vettura ta' dan. Difatti kompla jsuq l'hemm sakemm fir-Rabat, ghamel rapport lill-Pulizija fl-ghassa ta' din il-lokalita. Jigi notat illi PS 1439 John Tabone (fol 43 u fol 81 et seq ibid) li dahal xoghol immedjatament wara x-xhud precedenti semma' b'referenza ghar-rapport redatt u esebit (ara, ukoll, fol 46 et seq ibid) illi kien hu li kien ha l-istqarrijiet minghand il-partijiet involuti u kif hawn fuq riportati. Inoltre kien minnu li l-konvenut kien ghamel rapport, ftit wara l-incident in esami, fl-ghassa hemm fuq imsemmija.

Ikkunsidrat

Illi l-attur (fol 95 u fol 98 et seq ibid) spejga li fi Triq Aldo Moro fil-Marsa, kien ra li kienet hierga vettura ohra minn triq sekondarja u wara li daqq il-'horn', hu kompla jsuq izda wara ftit jidher li l-ohra ssorpassatu u giet quddiem u s-sewwieq '… beda jzomm il-brake f'daqqa sabiex nahseb jiena nibqa diehel go fih' u dan ghal tlett darbiet. Minhabba hekk, hu waqaf fejn hemm 'bus stop' nizel mill-vettura tieghu u kien ser jimxi lejn il-vettura l-ohra "... li kienet wieqfa warajja". Pero, kif, appena nizel fuq it-triq, il-vettura l-ohra insaqet ghal fuqu u hu ntlaqat "… fuq sidru bil-'pull bar' tieghu …". Bhala konsegwenza hu waqa mal-art waqt li l-vettura l-ohra wara li waqfet, insaqet l-hemm. Inoltre kien sab li parti minn subajgh iz-zghir ta' idu l-leminija kien nieqes.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 67,83,91 u 101 tal-atti) ta' versjoni ghal kwantu differenti minn dik tal-attur. Difatti hu jsostni illi kien hareg mit-triq laterali msemmija meta ra li kien hemm karozzi li kienu ghadhom il-boghod. Pero warajh u meta kien di gja fuq it-triq principali, giet vettura ohra u s-sewwieq ta' din beda jdoqq il-'horn' u jteptep id-dwal. In

vista li hu haseb illi din il-vettura setghet tmur fuq ‘lane’ ohra u tibqa sejra, hu kompla jsuq “… fil-lane tieghi”. Kif dar kantuniera, hu waqaf fejn hemm ‘stage’ tal-karozzi tal-linja kif ghamel l-iehor ma gembu u dan beda jghajjat. Inoltre l-iehor jidher li saq ghal ftit u waqaf quddiem l-istess vettura tal-konvenut, nizel minn din u gie vicin il-bieba tieghu. Meta ra’ hekk, il-konvenut saq l-hemm. Kif ghamel dan, l-iehor l-attur, fetah il-bieba tieghu (avolja ma rahx jaghmel dan) “… u habbat(h)a mal-bieba tal-van misjuq minnu”. Ghalhekk peress li beza’, wara li waqaf ghal ftit, il-konvenut saq l-hemm. Dwar il-hsara, fil-vettura misjuqa minnu, il-konvenut sostna li din kienet fil-bieba ta’ quddiem fuq ix-xellug. Inoltre hu mar ir-Rabat u rraporta l-kaz lill-Pulizija. Sussegwentement, hu kien esebixxa <u>erba’ ritratti bil-kulur</u> (fol 88 u fol 89 ibid) sabiex juri fejn kienet il-hsara kagunata waqt dan l-incident, liema hsara giet riparata madwar xahar wara u dan a spejjes tieghu. In rigward l-istess hsara jidher mir-ritratti illi ma kien hemm ebda danni fuq quddiem izda dawn kien koncentrati fuq il-genb tax-xellug. Inoltre hu esebixxa ukoll id-dokumentazzjoni li kellu in konnessjoni mal-istess riparazzjonijiet (fol 93 ibid).

In <u>kontro esami</u>, hu spjega l-ghala ma kienx ghamel ‘claim’ mal-assikurazzjoni kif ukoll il-ghala ma kienx fetah kawza kontra l-attur. Inoltre hu rega’ sostna illi fl-imsemmi ‘stage’ hu kien waqaf wara l-vettura tal-attur f’distanza ta’ inqas minn jew madwar tlett karozzi”. Inoltre meta kien ra lill-attur hiereg mill-karozza tieghu hu haseb li kien armat b’xi hadida u ghalhekk hu kien saq l-hemm minhabba din il-biza u “… nahseb illi l-attur meta ntlaqat, ntlaqat mill-bieba tieghu” oltre li “Jiena ma stajtx naqbez iktar il-barra peress illi fuq il-‘main road’ kienu ghaddejjin l-karozzi” avolja “jiena hallejt wisa’ bizzejjed biex lilu ma nolqtux”.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi kif jirrizulta mill-premess, jirrizulta illi l-Qorti hi rinfaccata b’<u>zewg versjonijiet tal-fatti differenti u alkwantu konfliggenti bejniethom</u>. Ghalhekk il-Qorti mxiet, hawn hekk, fuq dak li jinghad fl-artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta cjoe l-obbligu tal-provi ta’ fatt jmiss dejjem

lil minn jallegah. Konsegwentement kien jinkombi fuq l-attur illi jipprova fuq bazi ta' probabilta, illi dan l-incident kien sehh minhabba traskuragni, negligenza, imperizja , nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku u nuqqas ta' diligenza kif titlob il-ligi, skond kif hemm premess fl-avviz in esami.

Illi jidher miz-zewg versjonijiet tal-fatti moghtija mill-partijiet involuti illi hu minnu li l-konvenut kien hareg minn triq laterali. Pero dan il-fatt, pruvat, ma jidhirx li kien il-kawza immedjata ta' dan l-incident. Difatti, l-istess incident gara aktar il-fuq wara li ddur kantuniera u tasal ghal 'bus stop' vicin il-kumpless tal-'Marsa Ship Building'. Hawnhekk, iz-zewg versjonijiet kif hemm fuq sintetizzati jsiru konfliggenti bejniethom u meta jigri dan, il-Qorti rat jekk, fil-fatt, tezistix xi prova oggettiva u indipendenti mill-partijiet sabiex tkun tista tasal ghal verita tal-fatti, dejjem fuq bazi ta' probabilta (aktarx iva milli le) u tista' ghalhekk tiddeciedi dwar ir-responsabilta ta' incident bhal dak in esami, anke fuq livell ta' kontributorjeta. Inoltre ser tara ukoll jekk iz-zewg versjonijiet hemmx xi fattur jew fatturi komuni ghat-tnejn sabiex a bazi taghhom tkun tista' tasal ghall-istess konkluzzjoni.

Illi minn tali esami u f'dan ir-rigward, jidher li, ghal xi raguni l-attur waqaf fejn hemm il-'bus stop' kif min fuq l-iskizz a fol 42 tal-istess atti. Hawnhekk hu fetah il-bieba u nizel mill-vettura tieghu. Sussegwentement il-konvenut waqaf, ukoll, kif indikat b'mod immaginarju indikat fuq l-istess skizz u kif spjegat lil PS 710 Joseph Mangion minn dik il-mara injota li nstabet fuq il-post u li kienet passiggiera mal-konvenut. Wara li waqaf il-konvenut rega' saq il-quddiem u b'referenza grossolana ovvja u cara fis-sewqan laqat lill-attur u l-bieba miftuha ta' quddiem tal-lemin tal-vettura misjuqa mill-istess attur bil-konsegwenza kif ser jinghad. Hawnhekk jigi sottolineat illi l-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni a bazi ta' fatturi komuni fil-versjoni moghtija mill-attur u dik moghtija mill-konvenut, kemm 'viva voce' kemm minn dak li huma stqarrew lil PS 1439 John Tabone u kif rapportati fir-rapport in atti, gja msemmi.

Illi ghalhekk il-konvenut ghandu jigi ritenut responsabbli ghal dan l-incident.

Ikkunsidrat

Illi in rigward il-likwidazzjoni tad-danni konsegwenzjali jinghad is-segwenti:-

a) Dwar dawk kawzati fil-vettura tal-attur issir referenza ghall-ircevuti esebiti a fol 93 tal-istess atti u li ma gewx kontestati. Dawn 'in toto' jammontaw ghal Lm437.34 ossija €1018.73.
b) In rigward id-danni fizici xehed (a fol 62 et seq ibid), il-Professur Carmel Sciberras u dan issottolinea illi l-attur sofra l-amputazzjoni tas-seba' z-zghir ta' idu l-leminija u dan effettwa l-funzjonalita ta' din l-id fis-sens "… illi jbati meta jkun jird jaqbad xi haga". Dwar dan il-fatt, l-istess xhud ra li kien hemm involuta disabilita ta' erbgha fil-mija (4%). Hawnhekk, stante li ma ingiebet ebda prova sabiex tghin lill-Qorti tillikwida l-ammont ta' danni fiziku specjalment in rigward 'lucrum cessans', l-istess Qorti ser tillikwidah "arbitrio boni visi" konsiderat illi l-istess espert sema' li l-attur jaghmel xoghol manwali. Ghalhekk, fuq din il-bazi qed jigi likwidat l-ammont ta Lm1,000.00,0 ossija €2329.37 f'dan ir-rigward.

Ikkunsidrat

Illi ghalhekk l-ammont ta' danni qed jigi likwidat, globalment, fl-ammont ta' Lm1437.34 ossija €3348.10 .

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u:-

a) tiddikjara lil-konvenut bhala unikament responsabbli ghal dan incident minhabba traskuragni, negligenza, imperizja, nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku u nuqqas ta' diligenza fis-sewqan da parti tal-istess konvenut.
b) Tillikwida l-ammont ta' danni fis-somma ta' Lm1437.34 ossija €3348.10;
c) Tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur is-somma ta' Lm1437.34 ossija €3348.10 bl-imghax legali,

mis-16 ta' Settembru 2002 sad-data tal-pagament effettiv u b-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Settembru 2002.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------